



Brussell, 14 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7725/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0234(COD)**

ENV 296
COMPET 321
SAN 160
MI 299
IND 154
CONSOM 105
ENT 64
FOOD 42
AGRI 219
CODEC 797

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	11624/23 + ADD 1 – COM(2023) 420 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal emenda mmirata tad-Direttiva 2008/98/KE (minn hawn 'il quddiem: id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart), li tiffoka fuq żewġ setturi intensivi fl-użu tar-riżorsi: it-tessuti u l-ikel. Il-proposta hija parti integrali mir-riżultati tanġibbli tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u hija msejsa fuq l-inizjattivi tal-Kummissjoni bħall-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari.

2. Fit-12 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġiżlattiva tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE). Id-WPE eżamina l-proposta fid-dettall u kkontribwixxa għall-ħidma tal-Presidenza dwar testi ta' kompromess matul sitt laqgħat oħra. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet u l-kummenti bil-miktub ippreżentati mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza qed tħejji mandat għal negozjati tal-Kunsill, li għandu jiġi ppubblikat qabel tmiem iċ-ċiklu leġiżlattiv. Biex isir aktar progress fil-fajl, ġew identifikati żewġ kwistjonijiet li jeħtieġu gwida politika mill-Kunsill.
3. Sabiex tiggwida d-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) fil-25 ta' Marzu 2024, il-Presidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni u mistoqsijiet, kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-
Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart**

- Nota mill-Presidenza b'mistoqsijiet għall-Ministri -

L-emenda tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-5 ta' Lulju 2023, tiffoka fuq żewġ setturi intensivi fl-użu tar-riżorsi: it-tessuti u l-ikel, u għandha l-għan li ssaħħa il-progress tal-UE skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-inizjattivi tal-Kummissjoni bħall-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari. L-emenda għandha l-għan li tnaqqas l-impatti ambjentali u klimatiċi tal-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti u tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel u tfittex li żżid il-kwalità ambjentali u ttejjeb is-saħħa pubblika f'dawn l-oqsma, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, u li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel.

Sitwazzjoni attwali fil-Kunsill

Il-proposta qed tiġi eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE). Hija ġiet ippreżentata taħt il-Presidenza Spanjola fid-WPE fit-12 ta' Lulju 2023. Matul il-Kunsill Agrikoltura u Sajd tat-23 ta' Ottubru 2023, il-ministri kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-proposta.

Il-Presidenza Belġjana ddedikat sitt laqgħat tad-WPE għal diskussjonijiet dettaljati dwar il-proposta. L-Istati Membri esprimew reazzjonijiet ġeneralment pożittivi għall-oġettivi tagħha, kemm fir-rigward tal-iskart tal-ikel kif ukoll tat-tessuti. Wara d-diskussjoni bir-reqqa fil-laqgħat tad-WPE, il-Presidenza ressqet abbozz ta' test rivedut li jipprovdi kemm emendi dwar aspetti politiċi kif ukoll tekniċi, jindirizza l-kwistjonijiet ewlenin, jiċċara l-proposta billi jżid definizzjonijiet u jiżgura allinjament ma' biċċiet oħra ta' leġislazzjoni (dwar l-iskart).

Skart tal-ikel

Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD) attwali diġà tipprevedi li l-Istati Membri jadottaw programmi għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel u telenka fost l-oħrajn l-inkoraġġiment tad-donazzjoni tal-ikel bħala miżura li għandha tiġi inkluża. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet laqgħu l-miżuri l-ġodda proposti għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel kif ukoll is-suġġeriment tal-Presidenza biex jiġi ċċarat li l-lista hija lista minima ta' miżuri li l-Istati Membri għandhom idaħħlu fil-Programmi tagħhom għall-Prevenzjoni tal-Iskart tal-Ikel (FWPP). Xi delegazzjonijiet jixtiequ jżidu miżuri ma' din il-lista, jew fl-artikolu, jew fl-Anness IV bħala eżempji, waqt li xi oħrajn talbu aktar flessibbiltà fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel .

L-ambitu tal-miri proposti legalment vinkolanti għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel ikopri l-ipproċessar u l-manifattura, il-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi. B'mod aktar konkret, qed jiġi propost li sal-2030 il-miri li ġejjin jintlaħqu fil-livell nazzjonali:

- titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fl-ipproċessar u fil-manifattura, b'10 % meta mqabbla mal-ammont iġġenerat fl-2020
- titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel per capita, b'mod konġunt fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi, bi 30 % meta mqabbla mal-ammont iġġenerat fl-2020

Ġie diskuss li l-proposta ma tistabbilix mira ta' tnaqqis għall-produzzjoni primarja. Ir-rieżami previst sa tmiem l-2027 jista' jeżamina din il-kwistjoni u jestendi l-miri għal stadji oħra tal-katina tal-provvista tal-ikel.

Fir-rigward tal-livelli fil-mira proposti, id-diskussjonijiet esploraw żieda jew tnaqqis potenzjali tal-livelli fil-mira wara diversi appelli li saru mill-Istati Membri. Il-kwistjoni tal-frazzjoni tal-iskart tal-ikel li ma jittikilx inkluża fil-miri proposti, li ma tistax titnaqqas faċilment, irrappreżentat wieħed mill-punti ewlenin ta' diskussjoni. Peress li ma hemmx qbil dwar id-definizzjoni ta' skart tal-ikel li jista' jittiekel u minħabba n-nuqqas ta' data rilevanti għall-2020 u l-2021, f'dan l-istadju huwa impossibbli li jkun hemm progress f'din il-kwistjoni. L-emenda inkwistjoni għandha tinkoraġġixxi t-titjib tal-metodi ta' kejl tal-frazzjoni li tittiekel tal-iskart tal-ikel u tispeċifika li r-rieżami tal-2027 għandu jħares lejn mira ta' frazzjoni tal-ikel li jista' tittiekel.

L-Istati Membri esprimew tħassib dwar is-sena bażi minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COViD-19 fl-2020. L-Istati Membri laqgħu l-possibbiltà li tintuża sena ta' referenza aktar bikrija jekk tkun disponibbli d-data meħtieġa. L-Istati Membri ssuġġerew ukoll li għandu jkun possibbli li tintuża sena ta' referenza aktar tard.

Id-diskussjonijiet tekniċi esploraw ukoll fattur ta' korrezzjoni possibbli li jqis l-impatt tat-turiżmu fuq il-livelli tal-iskart tal-ikel.

Tessuti ta' skart

L-emenda tintroduċi skema ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR) għat-tessuti li tqiegħed obbligu fuq il-produtturi tat-tessuti biex ikopru l-kostijiet tal-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti. Dawn l-iskemi mbagħad ser jinċentivaw it-tnaqqis tal-iskart u jżidu ċ-ċirkolarità tal-prodotti tat-tessuti. B'mod ġenerali, l-Istati Membri appellaw biex il-mikrointrapriżi jiġu inklużi fl-iskemi tal-EPR, filwaqt li rrikonoxxew il-ħtieġa u l-possibbiltà li jittaffa l-piż amministrattiv sproporzjonat fuq dawn il-produtturi.

Sabiex jiġi evitat in-nuqqas ta' finanzjament tal-iskemi tal-EPR fl-Istati Membri li jirċievu rati għoljin ta' tessuti użati fis-suq nazzjonali tagħhom, ġie ssuġġerit li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jinkludu operatori kummerċjali tal-użu mill-ġdid fl-iskemi tal-EPR biex ikopru l-kostijiet tat-trattament għall-iskart tat-tessuti. Ir-reġim ta' finanzjament tal-iskemi tal-EPR għandu jgħaddi minn valutazzjoni mill-Kummissjoni fi stadju aktar tard.

Wieħed mill-għanijiet tal-proposta, appoġġat b'mod wiesa' mill-Istati Membri, huwa li titwaqqaf il-prattika illegali tat-trasport ta' tessuti ta' skart taħt il-pretest ta' tessuti użati. Għal din ir-raġuni, il-proposta tistipula li qabel l-istadju tas-separazzjoni professjonali, it-tessuti użati u t-tessuti ta' skart, il-prodotti relatati mat-tessuti u ż-żraben ("tessuti") kollha miġbura separatament għandhom jitqiesu bħala skart bl-eċċezzjoni tat-tessuti użati vvalutati professjonalment bħala tajbin għall-użu mill-ġdid mill-operaturi tal-użu mill-ġdid jew mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali fil-punt tal-ġbir mill-utenti finali li ma għandhomx jitqiesu bħala skart. Is-separazzjoni professjonali għandha tippermetti distinzjoni ċara bejn il-vjeġġi tat-tessuti ta' skart u ta' tessuti użati maħsuba għall-użu mill-ġdid. Il-vjeġġi tat-tessuti ta' skart (destinati pereżempju għar-riċiklaġġ jew għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, bħal separazzjoni jew tiswija ulterjuri) ser jibqgħu soġġetti għar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart, filwaqt li l-vjeġġ professjonali tat-tessuti użati li mhumiex skart u destinati għall-użu mill-ġdid, ser ikun soġġett għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart.

L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jaqdu rwol ewlieni fis-sistemi eżistenti tal-ġbir tat-tessuti tal-Istati Membri. Il-proposta tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tagħhom fis-sistemi eżistenti tal-ġbir tat-tessuti u għandha l-għan li żżomm u tappoġġa l-attivitajiet tagħhom fl-immaniġġar tat-tessuti użati fil-kuntest tar-responsabbiltà estiża tal-produttur. Il-Presidenza pproponiet li jiġu definiti b'mod ċar l-entitajiet tal-ekonomija soċjali sabiex jiġu evitati lakuni, jiġu protetti l-attivitajiet tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali, u jiġu ċċarati l-obbligi tagħhom fir-rigward tar-rappurtar u s-separazzjoni.

Minbarra l-obbligi diġà eżistenti għall-Istati Membri biex jistabbilixxu ġbir separat għat-tessuti sal-1 ta' Jannar 2025, il-proposta tispeċifika li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' ġbir stabbilita mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi żżomm żieda sostnuta fir-rata tal-ġbir separat biex jinkisbu livelli teknikament fattibbli ta' ġbir separat, filwaqt li jitqiesu l-prattiki tajbin. Minħabba n-nuqqas ta' data robusta, il-proposta ma tistabbilixxi l-ebda mira għall-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ tat-tessuti ta' skart. Klawżola ta' rieżami possibbli sa tmiem l-2028 tista' tagħti mandat lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tistabbilixxi miri għall-prevenzjoni, il-ġbir, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart tat-tessuti ta' skart.

Mistoqsijiet lill-ministri

- *Filwaqt li jitqies l-ambitu u d-data disponibbli miġbura fil-monitoraġġ reċenti tal-iskart tal-ikel, taqblu li l-miri vinkolanti proposti huma adegwati u implimentabbli għall-Istati Membri biex jgħinu tintlaħaq il-mira tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli li jitnaqqas l-iskart globali tal-ikel per capita fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur b'50 % u jitnaqqas l-iskart tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista sal-2030?*
 - *Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi indirizzat l-impatt ambjentali tal-iskart tat-tessuti, tqisu li r-responsabbiltà estiża proposta tal-produtturi tat-tessuti hija miżura effettiva bbażata fuq il-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart, filwaqt li tirrispetta u ssaħħa ukoll ir-rwol tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali?*
-